MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 2321/1996/1

**Formosa & Camilleri Ltd. bhala agenti Malta tas-socjeta` Guardian Royal Exchange Assurance p l c *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

1. **Seamalta Company Limited**
2. **The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-8 ta' Lulju 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fid-9 ta' Lulju 1995 is-socjeta` Michael Attard Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment M. V. "Pinto" konsenja ta' 61 vettura "Peugeot";

Premess illi din il-konsenja giet ikkonsenjata lill-assigurat ta' l-attur bid-danni spjegati fid-Dok. A (*survey report*);

Premess illi ai termini tal-polza ta' Assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b' hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Premess illi l-attur *nomine* jikkwantifika d-danni u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta' l-assigurat tieghu fl-ammont ta' elf tliet mija u sbatax-il lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1317.75) li maghhom jizdied l-ammont ta' mitejn u erbgha u erbghin lira (Lm244) bhala *survey fee,* ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf u hames mija u wiehed u sittin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1561.75);

Premess illi l-konvenuti jew min minnhom huwa responsabbli ghal dawn id-danni;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm1561.75;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm1561.75 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited ipprezentata fit-3 ta' Marzu 1997 li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija *de quo* giet sbarkata minn fuq il-vapur bil-hsara kif jirrizulta mill-*Joint Tally Sheets* Nri. 84788 u 84789;

2. Illi fit-tieni lok, is-socjeta` konvenuta tissolleva li ma kienetx fi kwalunkwe kaz responsabbli ghal kwalunkwe hsarat u nuqqas allegat mis-socjeta` attrici u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet ta' l-1966;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi ezebit ukoll ic-*cheque* li bih sar il-pagament;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lml317.75 bhala allegati danni;

5. Illi dwar is-*survey fees* hemm diversi sentenzi li jghidu li tali *fees* mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghall-istess u ghalhekk il-konvenut Godwin Abela *et nomine* jirreferu ghas-sentenza "Dr. Robert Staines vs Godwin Abela *et nomine*" - AK. 6.4.92 - Citaz. Nru. 112/86 u "Dr Robert Staines vs Jos. Apps *nomine et*" - KJF 201/92 - Deciza 25.4.1995;

6. Illi ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (amended by Legal Notice 28/73) u dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta` konvenuta minn kull responsabilita`;

7. Illi wkoll a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13, ta' l-1966, tali merkanzija l-importatur jaf li tinhazen "*in the open and always at the sole risk of the owner*" u ghalhekk anke f' dan il-kaz is-socjeta` konvenuta mhux responsabbli (KF 15.11.93, "Ray Micallef vs Godwin

Abela" - Citaz. Nru. 1365/84 F - AK 16.3.92 - "Reginald Micallef vs Godwin Abela" - Citaz. Nru. 1094/84);

8. Illi fis-seba' lok, dwar l-imghax dan mhux dovut anqas stante li s-socjeta` esponenti ma giet interpellata thallas ebda ammont determinat, u qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u dan iktar u iktar meta s-socjeta` esponenti m' ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta` attrici hlief tramite polza (KAM 4.11.94 - "J. Gerada vs Godwin Abela" - Citaz. Nru. 1275/91);

9. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-istess nota ta' l-eccezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited minnha pprezentata fit-12 ta' Marzu 1997, li fiha hija eccepiet:-

Fl-ewwel lok il-klawsola ta' l-ezoneru kontenuta fil-poloz tal-kariku relattivi u cioe` li "*Unprotected Motorcars - Ship not responsible for damages and accessories*", u "*vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery, fittings or accessories*";

Fit-tieni lok li d-danni reklamati ma jirrizultawx fl-ammont reklamat mit-*tally sheets*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet tat-13 ta' Ottubru 1999 li permezz tieghu giet nominata Dr. Anna Caruana biex tisma' l-provi u l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat l-Affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-istanza prezenti tikkoncerna talba promossa mis-socjeta` assiguratrici attrici riferibilment dwar hsarat u/jew nuqqasijiet riskontrati f' numru ta' vetturi tal-marka "Peugeot" importati f' Malta permezz tal-vapur m.v. "Pinto" mis-socjeta` importatrici Michael Attard Limited. *Marine Cargo Claim* ta' din ix-xorta mhix xi *noviter deductus* in kwantu l-gurisprudenza taghna, specjalment ta' dawn l-ahhar snin, hi affollata bihom;

Kif konswet, gjaladarba fit-trapass tal-kariku minn id ghall-ohra jippartecipaw di solitu t-trasportatur bl-art jew bil-bahar u l-organizzazzjoni portwali li tkun, il-qofol tal-vertenza f' kazijiet konsimili huwa relatat mad-domanda dwar min fost is-socjetajiet konvenuti, traportatrici l-wahda u depozitarja l-ohra, ghandu jitqies fi htija ghall-akkadut, kif ukoll dwar jekk f' kaz li tigi stabbilita htija kontributorja, kemm ghandha tbati kull wahda mis-socjetajiet sokkombenti;

Ghal dawk li huma fatti jirruzlta illi fid-9 ta' Lulju 1995 permezz ta' zewg poloz tal-kariku (fol. 9 u fol. 10) ingiebu f' Malta wiehed u sittin (61) vettura tal-marka "Peugeot". Fil-kors ta' l-iskarikar taghhom minn fuq il-vapur it-*tally clerks* rapprezentanti tal-vapur u tas-socjeta` Cargo Handling annotaw b' appoziti rimarki l-istat tal-vetturi waqt li huma kienu fuq ir-rampa x' hin il-vetturi kienu nezlin minn abbord. Ara *tally sheets* li f' dan il-kaz kienu *joint* a fol. 28, 29, 34 u 35 tal-process;

L-ghada ta' l-iskarikar is-*surveyor* John Borg Bellanti (fol. 82) ezamina l-vetturi waqt li dawn kienu qeghdin f' Laboratory Wharf u rrelata dwar il-hsarat u nuqqasijiet minnu konstatati. Ara dokumenti minn fol. 5 sa fol. 8 tal-process. Fihom dan is-*surveyor* iddetermina li n-natura tad-dannu kienet dovuta ghal "*pilferage/rough handling*";

Fil-11 ta' Lulju 1995 meta Austin Schembri (fol. 59) *shipping manager* tas-socjeta` importatrici mar biex jiehu konsenja tal-vetturi huwa annota wkoll l-osservanzi tieghu dwar il-hsarat u nuqqasijiet (ara dokumenti a fol. 57 u 58) kif hekk ukoll ghamel f' din l-istess spezzjoni Leonard Brincat (fol. 44), id-*delivery clerk* tal-Cargo Handling, fil-*Gate Pass Out* rilaxxjat taht il-firma tieghu (ara dokumenti a fol. 18 u 19 tal-process);

Premessi dawn il-fatti dak li johrog bic-cert mid-dokumenti esebiti, senjatament it-*tally sheets* u l-*Gate Pass Out*, hu dak illi meta l-vetturi ghaddew mill-pussess tal-vapur lill-Cargo Handling kien hemm *hub-cup* miksur korrispondenti ghal vettura b' *chassis* numru 30844033 u zewg *spare wheels* neqsin rigward zewg vetturi ohra, *chassis* numri 3580 u 7083. Il-Qorti tinnota li din l-ahhar vettura b' dan ic-*chassis number* ma tiffigurax fost il-karozzi tal-marka "Peugeot" fil-*Liste D'Embarquement*" a fol. 36 tal-process. Jista' jkun allura li din il-vettura b' dak ic-*chassis number* kienet ta' xi marka ohra. Dan hu anke spjegat mill-fatt illi skond it-*tally sheets* esebiti mill-Cargo Handling (fol. 28 u 29) gew maghduda tnejn u sittin (62) vettura b' kollox tal-marka "Peugeot" li gew "*tallied*" meta invece, kif jirrizulta, l-importazzjoni ta' karozzi ta' din il-marka li ngarru f' dak il-vjagg kienet limitata ghal wiehed u sittin (61) vettura;

Dan precizat, jirrizulta imbaghad, illi fil-mument meta l-vetturi ghaddew minghand il-Cargo Handling lir-rapprezentant ta' l-importatur kien hemm diversi hsarat jew nuqqasijiet f' uhud mill-vetturi l-ohra, dejjem s' intendi ta' l-istess marka. Dan hu sostenut mill-*Gate Pass Out* u mis-*survey report*;

Premessa din l-osservazzjoni, jirrizulta li, bhal f' bosta kazijiet ohra, is-socjeta` konvenuta Cargo Handling tissolleva l-istess eccezzjonijiet sterjotipati. Eccezzjonijiet dawn li gew trattati *ad nauseam* u *funditus* f' bosta decizjonijiet u li lkoll kemm huma gew respinti bhala nsostenibbli fil-ligi. Jibbasta accenn lil dawn l-ezemplari: "**Formosa & Camilleri Ltd -vs- Sea Malta Company Limited *et***", Appell, 1 ta' Marzu 1999 u "**Dr. Simon; Micallef Stafrace *nomine* -vs- James Gollcher *et nomine et***", Appell, 9 ta' Frar 2001. Dwarhom din il-Qorti taghmel a skans ta' ripetizzjoni, semplici referenza ghall-konsiderazzjonijiet fihom zvolti;

Issa mill-atti processwali ma jidherx li s-socjetajiet konvenuti jikkontestaw il-kontenut tat-*Tally Sheets* u lanqas tal-*Gate Pass Out*. Dawn id-dokumenti portwali, vizwalizzati anke fl-ambitu tas-*survey report*, oltre li jistabilixxu l-fatt li l-hsarat u n-nuqqasijiet avverraw, u salv ghal dak rimarkat fit-*tally sheets* dwar il-vetturi fihom specifikati, certament jaddossaw l-oneru fuq is-socjeta` konvenuta Cargo Handling. Din allura riedet tiddemostra bi provi sodisfacenti u perswaziva ghall-konvinciment tal-Qorti illi hi kienet estranea ghac-cirkostanzi li taw lok ghad-danni f' numru ohra ta' karozzi;

Hi l-fehma tal-Qorti illi din is-socjeta` ma tistax tippretendi li ghandha tistrieh fuq dak kummentat mill-impjegati taghha t-*tally clerks* Alfred Attard (fol. 46) u Joseph Spiteri (fol. 47) illi huma semplicement jiccekkjaw il-vetturi esternament biss ghal xi daqqiet minghajr ma jiflu wkoll il-kondizzjoni ta' l-accessorji u l-kontenut tal-vetturi;

Hu proprju hawn u f' dan li tippekka s-socjeta` Cargo Handling. La darba l-vetturi bhal kull merkanzija ohra tghaddi ma' l-iskarikar fil-pussess taghha hi ghandha certament interess magguri li tassigura bid-debita registrazzjoni da parte tat-*tally clerks* taghha l-istat u l-kondizzjoni tal-vetturi li tkun qed tircievi fil-konsenja taghha. Trapass dan tal-merce li titlob verifika kompleta u

diligenti. Dan, indubbjament, hu bil-wisq logiku gjaladarba r-responsabilita` taghha tiskatta proprju mill-mument li tircievi l-merkanzija fdata lilha;

*Qua* depozitarju, kienet obbligata tuza d-diligenza li biha soltu tiehu hsieb hwejjigha (Artikolu 1899, Kodici Civili). Fin-nuqqas hi tenuta ghal kolpa gravi anke jekk tkun accettat li zzomm il-haga bil-patt li ma tkunx responsabbli ghall-hsara li tista' tigri fil-haga. Ara decizjoni fl-ismijiet "**Carmela Sapiano *et* -vs- Antonia Fenech *et***", Appell, 15 ta' Jannar 1997. Ifisser ghalhekk li "d-depozitarju li jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depozitata jew lil min ikun iddepozitaha" (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1224**). *Multo magis*, hi hekk responsabbli s-socjeta` Cargo Handling li ghandha certament l-oneru mpost fuqha bil-ligi ghall-preservazzjoni tal-merkanzija;

Hi allura l-konvinzjoni ta' din il-Qorti illi din is-socjeta` ghandha twiegeb ghad-danni kompendjati mis-*surveyor* fil-lista minn fol. 5 sa fol. 8. Dan s' intendi bl-eskluzjoni ta' dawk relattivi ghall-vetturi bic-*chassis* numri 30844033 u 25283580 li dwar id-dannu riskontrat fihom trid tirrispondi s-socjeta` konvenuta l-ohra, jigifieri fis-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm55.10,0);

Issa s-socjeta` Sea Malta Company Limited tiddefendi ruhha bil-klawsoli ta' ezoneru ittimbrati fuq il-poloz tal-kariku;

Kif drabi ohra rilevat, "hemm zewg principji li fuqhom wiehed ghandu jimxi f' kazijiet simili u cjoe (1) li klawsoli simili huma ammissibbli purche ma jmorrux kontra l-ordni pubbliku u (2) li biex din il-klawsola topera jrid li tirriferixxi biss ghall-attijiet li jsiru fl-ezekuzzjoni ta' l-istess kuntratt. Ghalhekk il-klawsola ma tezentax jekk fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt wiehed ikun tbieghed mill-mod kif suppost li kellu jesegwih" - "**Robert Borg *proprio et nomine* -vs- Gio Maria Cini *et***". Appell Kummercjali, 1 ta' Marzu 1969;

Hu pacifiku illi la darba merce tkun tghabbiet fuq il-vapur f' kondizzjoni tajba u minghajr rimarki partikolari dwar l-istat taghha hu mistenni li din imbaghad tigi skarikata fl-istess kondizzjoni tajba. Il-prova dwar dan kienet tinkombi fuq ir-ricevitur u mhux fuq il-vettural. Ara "**Joseph Rizzo *nomine* -vs- Edward Ellul Sullivan *nomine***", Appell Kummercjali, 14 ta' Ottubru 1987, fejn ukoll kien hemm f' dak il-kaz klawsola ta' ezoneru;

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-prova jidher li saret b' mod sodisfacenti f' dan il-kaz billi gie stabbilit fil-kaz ta' vettura minnhom element ta' *pilferage* u fil-kaz ta' vettura ohra stat ta' traskuragni. Hi ghalhekk il-fehma konsiderata tal-Qorti illi l-kliem generici apportati fuq il-poloz tal-kariku ma ghandhomx, u ma jistghux, fic-cirkostanzi attendibbli jeskludu l-htija tas-socjeta` trasportatrici. Materja konsimili gja giet recentement trattata minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* -vs- Godwin Abela *et nomine et***", deciza fit-18 ta' Frar 2004 ghal liema qed issir pjena referenza;

Hekk ukoll din l-istess Qorti, kif presjeduta, gja kellha okkazjoni tikkummenta dwar l-ammont pretiz f' kazijiet ta' din ix-xorta ghal *survey fees*. Gie nfatti osservat fuq l-istregwa ta' bosta sentenzi ohra fuq is-suggett illi dawn is-*survey fees* kellhom ikunu relatati man-numru ta' vetturi li hekk irrizultaw danneggjati jew li fihom gew stabbiliti nuqqasijiet. Jigifieri li l-kundanna dwarhom kellha tkun biss proporzjonali mal-volum tal-kariku u l-hsarat accertati u li dwarhom saret it-talba ghar-rizarciment. Li jfisser allura li mentri s-socjeta` Sea Malta trid twiegeb ghall-hlas ta' *survey fees* relattivi ghal zewg vetturi ossija tmien liri (Lm8), fil-kaz tal-Cargo Handling din ghandha tikkontribwixxi ghal *survey fees* ghar-rimanenti erbatax-il vettura ossia sitta u hamsin lira Maltija (Lm56). Dan kollu in relazzjoni man-numru ta' karozzi (16) li skond is-*survey report* gie accertat li kellhom il-hsarat jew nuqqasijiet.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara lis-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited responsabbli ghad-danni f' zewg (2) vetturi u lis-socjeta` The Cargo Handling Company Limited fi htija ghal hsarat u/jew nuqqasijiet f' erbatax-il (14) vettura lkoll tal-marka "Peugeot" importati f' Malta fid-9 ta' Lulju 1995 mis-socjeta` importatrici Michael Attard Limited;

Tvarja t-tieni domanda billi tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' elf tliet mija u wiehed u tmenin lira Maltija, hamsa u sebghin centezmu (Lm1381.75,0);

Tilqa' t-tielet domanda billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited thallas lis-socjeta` assiguratrici attrici f' danni u *survey fees* is-somma ta' tlieta u sittin lira Maltija u ghaxar centezmu (Lm63.10,0) mentri tikkundanna lis-socjeta` The Cargo Handling Company Limited thallas ir-rimanenti bilanc ta' danni u *survey fees* fl-ammont ta' elf tliet mija u tmientax-il lira Maltija hamsa u sittin centezmu (Lm1318.65,0). Gjaladarba kien f' dan il-gudizzju li l-ammont dovut gie effettivament likwidat l-interessi ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati kwantu ghal kwinta parti (1/5) kull wiehed mis-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited u kwantu ghal tliet kwinti (3/5) mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------